NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

*Marzu - April 1988* **Nru 41**

## IL-PAPA ĠEJ MALTA



Dan l-aħħar smajna l-aħbar li l-Papa ser iżur il-Gżejjer Maltin. Żgur li kulħadd tkellem dwar din l-aħbar. Żgur li kien hemm min qal meta għandu jkun l-aħjar żmien taż-żjara tiegħu. Żgur li kien hemm minn qal fejn l-aħjar li jmur meta jiġi jew kemm għandu jdum. Iżda dwar is-sinjifikat ta' żjara bħal din żgur li ma tantx kien hemm li tkellmu. Jekk irridu li ż-żjara tal-Papa f'pajjiżna ma tkunx biss żjara trijonfalistika, żjara li tissemma fl-aħbarijiet jew żjara li dwarha nippubblikaw xi ktieb ta' tifkira, irridu nibdew naħsbu dwar il-veru valur ta' żjara bħal din minn issa. Għalina l-Maltin u l-Għawdxin, kważi mija fil-mija kattoliċi, iż-żjara tal-Papa għandu jkollha sinjifikat aktar profond. Għandha tkun għalina t-tieni żjara ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Għandna naraw fil-Papa s-suċċessur ta' Pietru li Kristu ħalla biex imexxi l-Knisja tiegħu. Għalhekk tajjeb li bi preparazzjoni għal-żjara bħal din il-Maltin u l-Għawdxin, qabel ma jiddeċiedu l-programm taż-żjara, jagħmlu żmien ta' tħejjija spiritwali li ġġib magħha qawmien ġdid ta' fidi awtentika fostna biex meta jkun fostna l-Papa naraw fih verament lil Kristu li hu jirrappreżenta fuq l-art u nibdew ngħixu ħajja nisranija li aktar tixraq lil poplu li rċieva r-rigal tal-fidi tmienja u għoxrin sena biss wara l-mewt ta' Kristu Sidna.

*Messaġġ ta' l-Arċipriet*

## "JEKK NAFDALEK TEŻOR, TIEĦU ĦSIEBU?"

Nistħajjilkom tgħidu: dan x'teżor ser jafdalna f'idejna l-Arċipriet? Ara ma tmorrux taħsbu li qed inqassam it-teżori: xejn minn dan. Dawn il-kelmiet ta' hawn fuq, mhux jien qed ngħidhomkom, iżda Kristu nnifsu. Dak Kristu li jħobbna, li jafdana, li għandu fiduċja fina.

Fost il-ħafna teżori li jafdalna f'idejna, hemm l-ulied. Dawn huma l-mimmi t'għajnejn Ġesù. Iħobbhom, jibża' għalihom, u jafdahom f'idejna, biex inkunu nistgħu nagħtuhom dik il-formazzjoni nisranija soda li tant hi meħtieġa fid-dinja ta' llum.

Forsi ssib min jgħid: Dan l-Arċipriet x'ħasibna? Ma jafx li aħna nħobbuhom lil uliedna,; ma jafx li aħna lesti nissalbu għalihom. Ċert minn dan; u jiena ċert ukoll li għalikom, jew aħjar għall-parti l-kbira minnkom, l-ulied jiġu l-ewwel u qabel kollox.

Ejjew nirraġunaw ftit: kemm interess qed nieħdu fit-tagħlim tad-duttrina ta' uliedna? F'Ottubru tista' tgħid li l-ġenituri kollha jaraw li wliedhom jibdew jattendu xi ċentri tad-Duttrina. Biss, maż-żmien, speċjalment meta jgħaddi l-Milied, in-numru tat-tfal jonqos.

Dan ma għandux ikun. Il-klassijiet tad-duttria mhumiex biss dawk li jħejju lit-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma. Hemm klassijiet oħra, u kollha għandhom l-importanza tagħhom, għax x'jiswa li t-tifel jew tifla jattendu din is-sena biss? Min ser jimlielhom il-vojt tas-sena jew snin li ma jkunux attendew?

Kemm għandna għax inrodd ħajr 'l Alla li għoġbu jagħtina din l-għajnuna tal-katekisti tagħna, biex jirnexxielna nieħdu ħsieb sewwa tat-teżori li jafdalna f'idejna. Għalhekk, ejjew inkunu aħna stess, il-ġenituri kollha li jaraw u jinsistu ma' wliedhom li għall-ebda raġuni ma għandhom iħallu lezzjoni waħda biss tintilef.

Jekk ma tagħmilx hekk, int ma tħobbx lil uliedek. U tkun qed tistieden li taqla' ċanfira mingħand il-Mulej, meta jgħidlek: "Kelli fiduċja fik: afdajtlek teżor, ma ħadtlix ħsiebu....irvinajtuli...."

**L-Għid it-Tajjeb lil Kulħadd**

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Ufficcju Editorjali: Centru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

**Membri ġodda fil-Komunità Parrokkjali**
2.1.88: RAMONA, bint Saviour Spiteri u Vincienne neè Vella
16.1.88: MARIA, bint Joseph Bajada u Jane neè Magro
17.1.88: JESSICA, bint Dr. Ivan Vella u Censina neè Micallef
17.1.88: MARIA:, bint Dominic Formosa u Mary Jane neè Vella
10.2.88: GEORGE, iben Joseph Saliba u Nathalie neè Xerri

**Imwiet:**
3.1.88: Ġużeppi Micallef
11.1.88: Eugenio Debrincat
20.1.88: Louis Attard
30.1.88: Ġuża Formosa
6.2.88: Ġużeppi Bajada
9.2.88: Salvu Aquilina.

**Żwiġijiet:**
3.1.88: Henry Imbroll (Sliema) u Doreen Galea

## Il-Kustodju ta' l-ART IMQADDSA jżur il-BAŻILIKA TAGĦNA

Nhar is-Sibt 6 ta' Frar 1988 il-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa Patri Carlo Cecchitelli O.F.M. għamel żjara lill-Bażilika tagħna wara li ta konferenza fis-Seminarju lill-kleru kollu t'Għawdex. Patri Cecchitelli ġie mdawwar mal-Bażilika minn Mons. Arċipriet u mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap u saċerdoti oħra. Billi kien l-ewwel Sibt tax-Xahar dak in-nhar fil-Bażilika kellna jum ta' Adorazzjoni Solenni u Patri Cecchitelli ntlaqat ferm mill-mod dinjituż ta' kif tiġi organizzata l-Adorazzjoni fil-Bażilika tagħna. Meta daħal ġewwa u ġie biex jiffirma l-Visitors' Book huwa kiteb li ammira l-Bazilika meraviljuża ta' San Ġorġ b'irħamijiet, deħbijiet u statwi mill-isbaħ u ra d-devozzjoni tal-fidili jaduraw lil Ġesù Ostja. Hu kiteb ukoll li sakemm tibqa' ssir din l-Adorazzjoni, żgur li jibqa' jkun hawn vokazzjonijiet fil-gżejjer tagħna. Huwa rringrazzja lill-Mons. Arċipriet u lill-membri l-oħra tal-Kapitlu għall-mod kif ġie milqugħ u għall-imħabba tagħhom lejn l-Art Imqaddsa. Ta' min isemmi li fil-parroċċa tagħna kull sena ssir ġabra speċjali għall-Art Imqaddsa bħala għajnuna għall-patrijiet li jaħdmu biex il-postijiet fejn għex u miet Kristu jkunu miżmuma kif jixraq.

### ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA

Nhar il-Ħadd 27 ta' Marzu naqilbu għal ħin Tas-Sajf. Għalhekk, il-ħinijiet tal-quddies fil-għaxija jkunu hekk:

**ĦDUD U FESTI:** 5.00 p.m., 6.30 p.m.
**MATUL IL-ĠIMGĦA:** 5.30 p.m., 7.00 p.m.

***Editorjal:***

# *IN-NISRANI FI ŻMIEN IR-RANDAN*

*Meta qed tasal f'idejkom din il-ħarġa tar-rivista tagħna inkunu qegħdin fl-aqwa tal-korsijiet ta' l-eżerċizzi li jsiru fil-parroċċa tagħna. Ikunu għalhekk qrobna lejn nofs dan iż-żmien ta' tħejjija għall-Għid il-Kbir.*

*In-nisrani veru għandu jgħix dan iż-żmien tar-Randan Imqaddes fit-talb u fil-penitenza. Għalhekk il-Knisja bosta drabi tistedinna biex ma nħallux id-drawwa qaddisa li mmorru nisimgħu xi kors ta' eżerċizzi li jgħodd għalina. Il-Knisja wkoll matul dan iż-żmien, tistedinna nagħmlu xi sagrifiċċju. Anzi dawk fostna li għandhom età avanzata jiftakru fis-sawm strett u regolari li kien ikun obbligu matul il-ġranet tar-Randan. Illum il-Knisja ħalliet biss żewġ sawmiet: dik ta' Ras ir-Randan u tal-Ġimgħa l-Kbira. Dan għamlitu għax taf li l-mod ta' ħajja nbidel u n-nisrani qed jiġi mħeġġeġ jagħmel forom oħra ta' sagrifiċċju speċjalment billi jastjeni minn affarijiet ta' pjaċir jew lussu li jgawdi matul is-sena.*

*Żmien ir-Randan qiegħed hemm ukoll biex in-nisrani jindem u jikkonverti sinċerament. Dan irid jagħmlu wara li jkun għamel żmien jirrifletti waħdu u għalhekk isiru il-korsijiet ta' l-eżerċizzi. Biex in-nisrani jkollu dik l-għajnuna meħtieġa biex jagħraf sewwa x'inhuma in-nuqqasijiet tiegħu u jkun jista' jindem minnhom bis-serjetà. Dan iseħħ ukoll billi n-nisrani jgħaddi dan iż-żmien liturġiku billi jċaħħad lilu nniffsu u jagħmel dawk is-sagrifiċċji li jagħtuh l-għajnuna li jagħraf verament jekk hux qed iwettaq id-dmirijiet tiegħu ta' nisrani kif jingħad fil-wegħdiet tal-Magħmudija.*

*Jeħtieġ għalhekk li l-insara veri jieħdu dan iż-żmien bis-serjetà. M'għandux wieħed jikkuntenta ruħu li mar jisma' kors ta' eżerċizzi u daqshekk. M'għandux wieħed jikkuntenta ruħu li sam darba, tnejn u allura dmiru għamlu. Il-Knisja tixtieq li dan iż-żmien iġib bidla mill-qiegħ fil-ħajja tan-nisrani veru. Hemm bżonn li kulħadd jagħraf jgħix dan iż-żmien f'dak l-ispirtu ta' talb u penitenza li trid minna l-Knisja biex ikun jixirqilha tassew niċċelebraw bil-kbir il-Qawmien ta' Kristu mill-mewt.*

## Konferenzi Dwar il-Madonna

Fil-parroċċa tagħna kull tant żmien qed jiġu organizzati laqgħat b'tagħlim dwar il-Verġni Marija fl-okkażjoni tas-Sena Marjana. L-ewwel tliet laqgħat saru f' Ottubru li għadda u tkellmu dwar diversi suġġetti Dun Ġużepp Farrugia, Patri Bonoventura Camilleri O.F.M. Conv. u Mons. Carmelo Scicluna, Arċipriet tal-Katidral. It-tieni serje ta' laqgħat saru fil-15, 16, u 17 ta' Frar li għadda u l-attendenza għalihom kienet tajba ferm. F'dawn l-aħħar tliet laqgħat sar tagħlim fuq it-**tliet dommni dwar il-Madonna.** Dun Ġużepp Farrugia tkellem dwar **Marija Omm Alla,** Mons Isqof Nikol Cauchi tkellem dwar id-domma ta' l-**Immakulata** u Patri Bonaventura Camilleri O.F.M. Conv. tkellem dwar id-domma ta' **l-Assunta.** L-aħħar serje ta' laqgħat ser isiru għax-xahar ta' Mejju.

# ĠIMGĦA MQADDSA 1988
## *Programm*

**Il-Ħadd 27 ta' Marzu - ĦADD IL-PALM**
5.00 p.m.: Funzjoni tat-Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ fl-Oratorju tal-Bażilika, Purċissjoni u Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Arċipriet.

**It-Tnejn 28 ta' Marzu**
5.30 p.m.: L-Aħħar Quddiesa
6.30 p.m. Ċelebrazzjoni Penitenzjali: "Nikkonvertu, nissaffew u niġġeddu".

**It-Tlieta 29 ta' Marzu**
5.00 p.m. Amministrazzjoni ta' l-Ewwel Qrara lit-tfal li din is-sena ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.
7.00 p.m.: Kunċert mill-Banda 'La Stella' li ddoqq sett ta' Marċi Funebri.

**L-Erbgħa 30 ta' Marzu - L-Erbgħa tat-Tniebri**
6.30 p.m.; Via Sagra Solenni b'Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof Nikol Cauchi fit-Tnax-il Stazzjon.

**Il-Ħamis 31 ta' Marzu - Ħamis ix-Xirka**
5.30 p.m.: Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Arċipriet li fiha jkun hemm il-Ħasil ta' Riġlejn l-Appostli. Wara jibdew il-Visti tas-Seba Knejjes.

**Il-Ġimgħa 1 ta' April - Il-Ġimgħa l-Kbira**
4.00 p.m.: Funzjoni Liturġika bil-Qari tar-Rakkont tal-Passjoni, Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes u Tqarbin.
6.30 p.m. Purċissjoni Tradizzjonali u Devota mat-toroq tal-Belt Victoria bis-Sehem tal-Banda 'La Stella'
N.B. Inħeġġu lil kull min ser jieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira biex kulħadd ikun fil-ħin.

**Is-Sibt 2 ta' April - Sibt il-Għid**
8.00 p.m.: Funzjoni Liturġika u Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Arċipriet.

**Il-Ħadd 3 ta' April - L-GĦID IL-KBIR**
9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni mill-Kapitlu u l-Kleru mmexxija minn Mons. Arċipriet.
10.00 a.m. Marċ bl-istatwa ta' Kristu bis-sehem tal-Banda 'La Stella'.

***Għaxar kmandamenti mogħtija lill-ġenituri minn uliedhom.***

1. Ibqgħu dejjem inħabbu bejnietkom.
2. Agħdru 'l xulxin.
3. Iġġibux id-dinja fit-tarf.
4. Tgerrxuniex bil-gdiedem u l-ġlied.
5. Tbatux bil-preferenzi.
6. Kunu sinċieri magħna.
7. Kellmuna w isimgħuna.
8. Interessaw ruħkom fina.
9. Tmaqdruniex addoċċ.
10. Tuna iktar eżempji tajba milli pariri.

# IL-Kurċifiss jagħlaq 140 SENA



Din is-sena l-Kurċifiss li ta' kull sena jinġarr fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Bażilika tagħna jagħlaq 140 sena.

Din il-figura ta' Kristu fuq is-salib tnaqqxet b'sengħa kbira fl-injam mill-iskultur Belti Pietro Paolo Azzopardi fl-1848.

Dan nafuh mill-istoriku Bormliż Pietru Pawl Castagna (1827-1907) li għex u kiteb matul il-ħajja ta' Azzopardi (1791-1875). Fit-tielet parti tal-ktieb tiegħu 'Malta bil-Gżejjer Tagħna' (p.109), Castagna jfakkar fost ix-xogħlijiet skulturji ewlenin ta' Azzopardi nsibu "Il-Kuċifiss tal-Vara l-Kbira fir-Rabat ta' Għawdex 1848". Il-ktieb ta' Castagna ġie pubblikat bejn l-1865 u l-1866.

Azzopardi kellu dehen naturali joħloq figuri ta' Kristu fl-injam li jqanqlu ġlewwa ta' sentiment mingħajr ma jitbiegħdu żżejjed mir-realiżmu ta' esperjenza umana. Din il-ħila mhux tas-soltu tispikka b'mod partikolari f'dan il-Kurċifiss li jinġarr kull sena fil-purċissjoni devota u tradizzjonali li toħroġ mill-Bażilika tagħna.

## Donazzjonijiet għar-Rivista

George Schembri (Aust.) $20 Aust.
Ġorġ Pace (Malta) Lm5
N.N (Victoria) Lm2
F.Galea (Victoria) Lm1

# TRID TGĦIX ĦAJJA FERĦANA?

*jikteb JOHN ELLIS*

**"Għeżież uliedi! Jekk tridu tkunu ferħanin ħafna, għixu ħajja sempliċi u umli, itolbu ħafna u toqogħdux tinkwetaw u titturmentaw ruħkom minħabba l-problemi tagħkom - ħallu 'l Alla jsolvihom Hu."**

Dan hu s-sigiriet tal-ferħ u l-paċi nterna li l-Madonna qed tagħti lil kulħadd f'Medjugorje. Jekk nanalizzaw dan il-messaġġ sublimi tal-Madonna, insibu li "r-riċetta" tal-veru ferħ tikkonsisti fi tliet "ingredjenti": **Sempliċità u Umiltà, Fiduċja Għamja f'Alla u Talb.**

**Sempliċità u Umiltà** Kemm għandna bżonn nissimplifikaw il-ħajja tagħna! Kemm għandna bżonn niltilqu dawk l-affarijiet li qed ijassrulna 'l qalbna u jorbtulna 'gwinħajna' hekk li ma nistgħux nittajru lejn il-Ħallieq tagħna. Dawn huma l-idoli ta' żmienna bħalma huma t-televiżjoni, il-flus, l-ambizzjoni, il-politika partiġġjana esaġerata ecc. M'hux ta' b'xejn li Ġesù jgħidilna fl-Evanġelju: "Tassew ngħidilkom, li jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet".

Is-Sempliċità u l-Umiltà tat-tfal iż-żgħar isibu l-perfezzjoni tagħhom f'**Fiduċja għamja f'Alla, il-Missier li jħobbhom b'imħabba nfinita.** Il-Madonna tħeġġiġna biex ma ninkwetawx imma nħallu l-problemi tagħna f'idejn Alla b'fiduċja sħiħa li Hu jsolvihom. B'dan il-kliem il-Madonna trid tfakkarna fil-kliem ta' Binha Ġesù fl-Evanġelju: "Għalhekk ngħidilkom: tinkwetawx ruħkom għal ħajjitkom, x'se tieklu, anqas għal ġisimkom x'se tilbsu.... Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja Tiegħu u dan kollu jingħatalkom ukoll". Kemm għandu bżonn il-bniedem tal-lum jirrifletti fuq din il-varità! Mhux li konna nintelqu f'idejn Alla Missierna u nwarrbu l-inkwiet u l-biża' li qed jitturmentawna u jikkaġunawlna nervi, ansjetà, 'breakdowns', 'depressions' ecc. Din ix-xewqa kbira ta' Ġesù li kull wieħed u waħda minna nintelqu f'idejH għal kollox, Huwa jesprimiha wkoll lil Swor Marija tat-Trinità Qaddisa: "Afda Fija b'għajnejk magħluqa, mingħajr ansjetà, kuntenta....iva, bħal tarbija rieqda f'dirgħajn ommha. M'intomx intom bħal trabi f'dirgħajn Alla?"



It-tielet "ingredjent" għal ħajja ferħana huwa t-**Talb.** Dan hu l-aktar messaġġ konsistenti tal-Madonna f'Medjugorje bħal f'kull post ieħor li dehret fih: **Itolbu. Itolbu. Itolbu!** Hekk ukoll jgħidilna Sidna Ġesù Kristu fl-Evanġelju: li għandna dejjem nitolbu bla ma naqtgħu (Luqa 18:1). Il-Madonna qiegħda kontinwament titlobna għat-talb kostanti, talb ħiereġ mill-qalb sabiex iseħħu il-pjanijiet t'Alla u Tagħha, għall-konverżjoni tal-midimbin, għall-paċi fid-dinja, għar-rebħ fuq ix-xitan u **għall-paċi u l-ferħ** tagħna stess.

Hija tgħidilna:" Meta ngħidilkom 'Itolbu. Itolbu. Itolbu', jien ma nfissirx biss żidu s-siegħat tat-talb, imma żidu x-xewqa li titolbu u li tkunu f'kuntatt m'Alla, li **tkunu fi stat mentali ta' talb kontinwu."**




### *Ikla ta'* JUM SAN ĠORĠ

**Is-Sibt 23 ta' April 1988 fit-8.30 p.m.**

*(Wara l-Pontifikal fil-Bażilika)*

***fl-AUBERGE TA' FRENC***

Booking għal din l-Ikla jista jsir:
*Fl-UFFIĊĊJU PARROKKJALI jew*
*Għand il-Membri tal-LADIES SOCIETY*

**Prezz: Lm4** **Numru Limitat**



*Rigal lill-Bażilika Tagħna*

# KOPJA TAL-LIŻAR TA' KRISTU

**Minn hawn u ftit jiem oħra ser tasal fostna kopja tal-Liżar ta' Kristu li hemm fil-Katidral ta' Torin ġewwa l-Italja. Din il-kopja hija maħduma bi drapp simili għal dak tal-veru liżar u nħadmet għall-parroċċa tagħna wara li nġab il-permess meħtieġ mill-Kurja ta' Torin. Dan il-liżar li hu ta' l-istess daqs bħal dak ta' Torin ser jitpoġġa iktar il-quddiem f'post adattat għall-qima ta' kulħadd.**

**L-ideja li jkollna fil-parroċċa tagħna kopja ta' dan il-liżar ħarġet mill-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira u ser tinġieb fostna propju f'din is-sena meta l-Kurċifiss devot tal-Bazilika tagħna jagħlaq 140 sena.**

**F'din l-okkażżjoni tajjeb li minn dawn il-kolonni nirringrazzjaw lill-Kan.On. Dun Ġużepp Borg (Major Canadian Air Force) li ġenerosament ħallas l-ispejjes kollha biex il-parroċċa tagħna setgħet takkwista din il-kopja tal-Liżar ta' Kristu. Huwa maħbub li meta jasal fostna jitpoġġa fil-knisja speċjalment fil-granet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Barra mill-kopja tal-liżar ta' Torin il-parroċċa tagħna ġiet regalata relikwija tas-salib ta' Kristu minn Dun Charles Cini S.D.B. li lilu wkoll nroddu ħajr.**

**Fil-ħarġa li jmiss nagħtu iktar dettalji dwar dan ir-rigal lill-parroċċa tagħna permezz ta' ritratti u tagħrif ieħor.**

## *Avviż Importanti Dwar il-Purċissjoni tal-ĠIMGĦA L-KBIRA*

*Il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira jixtieq jgħarraf li:*

- *Il-Ġenituri għandhom jgħinu billi ma jippretendux li tfal żgħar ħafna jieħdu sehem fil-purċissjoni.*
- *Kulħadd għandu jinkiteb kmieni kemm jista' jkun biex jieħu sehem.*
- *Kull min ikun ser jieħu sehem għandu jattendi għal xi laqgħat li jsiru.*
- *Min ikollu wegħda li jġorr il-ktajjen u għandu tiegħu, għandu joqgħod attent li ma jkollux piż kbir u b'hekk ma jkunx jista' jfixkel il-purċissjoni.*
- *Kull min jieħu l-libsa id-dar, għandu jirritornaha meta jkun mitlub.*
- *Kull min jieħu sehem għandu jagħmel dan b'devozzjoni u serjetà.*
- *Dawk li jridu jieħdu sehem fil-purċissjoni għandhom javviċinaw lis-Sur Ġorġ Borg jew jinkitbu fl-uffiċċju Parrokkjali.*
- *Kulħadd huwa mitlub jixgħel il-galleriji minn fejn tgħaddi l-purċissjoni.*

## JUM SAN ĠORĠ



Nhar is-Sibt 23 ta' April huwa Jum San Ġorġ. F'dan il-jum tas-Solennità Liturġika tal-qaddis patrun tagħna, Mons. Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan imexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni fis-7.00 p.m. Kull Ġorġjan għandu jqaddes dan il-jum ta' festa billi jitħejja tajjeb bi qrara tajba u jitqarben. Dan il-jum jasal propju ftit wara li nkunu għexna r-Randan Imqaddes u ċċelebrajna l-Festa ta' l-Għid il-Kbir, biex hekk kif inkunu iġġeddidna u saħħana l-fidi tagħna, inħarsu lejn il-Kbir Martri San Ġorġ biex bħalu nżommu dejjem bla mittiefsa l-fidi tagħna. Kristu bata u miet għalina; San Ġorġ ħa l-Martirju u sar jixbaħ lil Kristu u aħna rridu nagħmlu bħal San Ġorġ biex bħalu wkoll insiru xbieha ta' Kristu matul il-ħajja tagħna fuq din l-art. San Ġorġ, li wera qawwa ta' l-għaġeb kontra l-ħażen u t-tnassis tax-xitan għandu jkun għalina l-mudell li fuqu nfasslu l-ħajja tagħna. J'Alla dan il-jum ta' festa jkun għalina mezz biex nersqu iktar lejn Kristu l-Feddej tagħna.

# DON BOSCO: il-Qaddis tat-Tbissima



**Mitt sena mejjet**

**u għadu ħaj**

1888-1988

## INPATTHIELU ŻGUR !!

Darba waħda, kienet is-sena 1851, Don Bosco ma deherx jitħallat mat-tfal tiegħu bħas-soltu. U kulħadd beda jsaqsi għalih.

Ġuvni kemmkemm imfarfar, mibni b'saffejn, tela' fuq u sabu fil-kamra tiegħu. Wiċċu kien sfajjar, u kien jidher li għadda lejl jħewden.

"X'Inqala' Dun?", staqsih dan il-ġuvni, li kien jismu Brosio.

Għall-ewwel ma tkellem xejn, iżda qalb Don Bosco ma felħitx iżjed, u nfexx jibki quddiem dan il-ġuvni. Brosio iffittah bħafna mistoqsijiet, u fl-aħħar Don Bosco ċeda u stqarrlu li kien iddispjaċut għall-mewt għax-wieħed mit-tfal ta' l-Oratorju, wieħed mill-kbar, kien naqsu gravament mir-rispett, u wasal saħansitra biex irrispondih b'mod vulgari.

Don Bosco temm ir-rakkont tiegħu hekk: "L-aktar li nagħli mhux tant għalija, għax lili b'daqshekk ma' għamilli xejn. Imma aktar nagħli għalih! Dak it-tifel qabad it-triq il-ħażina, u wisq naħseb li għad jispiċċa ħażin!"

Brosio, li kien jagħmilha wkoll ta' bodyguard ta' Don Bosco, malli sama' dawn il-kelmiet, xegħel bir-rabbja. "Ja viljakk!! Ja annimal!! Ma staħax ikellmek hekk? Huwa nurih jien. Ħallih f'idejja, Nagħtih lezzjoni li jibqa' jiftakarha għomru kollu".

Don Bosco malajr ipprova jikkalmah. U qallu: "Veru ħaqqu kastig! Imma l-kastig nagħtuhulu flimkien trid?"

Brosio dak li ried. Telaq jgħaġġel ma' Don Bosco bit-tama li jiltaqgħu mal-ħati, u Don Bosco jagħtih iċ-ċanfira li jixraqlu. U jekk jerġa' jirrispondih, kellu lesti għalih il-ponnijiet, u kien deċiż li ma jħallilux sinna waħda f'ħalqu.

Iżda Don Bosco ħadu miegħu fil-kappella. Hemm qagħdu jitolbu fis-skiet u għat-tul. Brosio ma kienx jaf x'ser jaqbad jitlob, imma Don Bosco qallu:" Ejja nitolbu għall-bżonnijiet ta' dak il-ġuvni". U Brosio talab ukoll. U fit-talb, il-korla birdet.

X'ħin ħarġu mill-kappella, Don Bosco dar fuq Brosio u qallu: "Tara ibni? Għalina l-insara, il-vendetta tikkonsisti biss fil-maħfra, u billi nitolbu għal min hu ħati għalina. Tinsiex, hekk għallimna Kristu!"



*Kun Ġeneruż*
*agħti sehmek*
*għall-Festa Tagħna*

### Iż-Żewġ Korijiet tal-Parroċċa Tagħna fuq T.V.M.

Nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu 1988 iż-żewġ Korijiet tal-parroċċa tagħna, il-Kor "Chorus Urbanus" u l-Kor "Laudate Pueri", ser jidhru fuq it-televizjoni ta' Malta. Iż-żewġ korijiet ser ikantaw mużika funebri adattata għall-Ġimgħa Mqaddsa fil-programm "Il-Mambar" li ser ikun edizzjoni speċjali għal dawn il-ġranet. Iż-żewġ korijiet għamlu r-recordings meħtieġa fil-Bażilika tagħna.

***IDEAL HOME EXHIBITION***

**Fil-Kumpless tat-TEATRU ASTRA**

*Il-Ġimgħa, Is-Sibt u l-Ħadd*

*25, 26, 27 ta' Marzu 1988*

**STANDS B'OFFERTI SPEĊJALI GĦALL- GĦAWDXIN**

**OKKAŻŻJONI LI L-EBDA GĦAWDXI M'GĦANDU JITLEF**

# *ROKNA GĦAT-TFAL*



Għeżież tfal,

Kif intom? Mill-aħħar li ltqajna 'l hawn, intom kellkom l-eżamijiet ta' nofs is-sena, hux tassew. Ma tantx għandi aptit nistaqsikom kif mortu, għax nibża' li tgħiduli "Ħażin!" Imma, kos, jiena naf li intom tfal bravi u għaqlin; naf li studjajtu biżżejjed biex stajtu tmorru tajjeb. Naf żgur li dmirkom qdejtuh kif suppost, mhux hekk. U la semmejna l-kelma "dmir", nixtieq nirrakkuntalkom storja qasira. Isimgħuha.

Jimmy, raġel xwejjaħ, kien iħobb jaħdem fl-injam. Minn x'ħin jisbaħ sa ma jidlam, kont taraħ bl-għodda f'idu, jonqox xi biċċa njama. Kien jonqox xbihat ħelwin ta' ħafna annimali u meta kien jagħtihom il-kulur, it-tfal kienu jiġġennu warajhom, daqskemm kienu jiġu sbieħ. Għax-xogħol ta' Jimmy, kienu jmorru nies minn kullimkien. Però n-nies kienu jħossu xi ħaġa misterjuża fi kliem Jimmy. Qatt ma setgħu jifhmuh meta waqt li kien ikun jaħdem, kien jgħid għal iżjed minn darba: "Qatt ma ħdimt u qatt ma naħdem!" Dan il-kliem kien itennieħ spiss, xi darbi tul il-ġurnata kollha.

It-tfal kienu jħabblu rashom fuq kliemu, imma kien kollu ta' xejn. Għax għalkemm kien igħid li qatt ma jaħdem, Jimmy kien jaħdem minn fil-għodu sa fil-għaxija

Meta t-tfal kienu jiffittawh, Jimmy kien igħidilhom: "Morru, tfal; jien qatt ma ħdimt u qatt ma naħdem!"

Jien qgħadt naħseb biex nara Jimmy x'ried ifisser u sibt li hu tant kien jaħdem bil-qalb, li x-xogħol għalih ma kienx xogħol.

Min jaf kieku nippruvaw nagħmlu bħal Jimmy?

Meta nkunu se nistudjaw, jew nagħmlu ix-xogħol fid-dar, minflok ma ngħidu: "Uff, xi dwejjaq!", għandna nagħmlu dak li jkollna nagħmlu, bil-qalb, bil-ħeġġa, b'mod li jagħmilna kuntenti.

Hekk nidraw inħobbu l-istudju u x-xogħol.

Sakemm nerġgħu niltaqgħu, tfal, ngħid tata' lilkom ilkoll.

*Iz-Ziju Peppi.*

## *Ħsieb Marjan*

# LIL OMM TAD-DULURI



Meta nilmħek
setgħana,
bil-wieqfa,
għad-dell tas-salib,
inħossok
timlieni b'kuraġġ.

Fejn ħarab kullħadd,
inti bqajt hemm,
biex twennes lil Ibnek,
u tixxierek
fil-ħidwa
ta' kollha kemm huma l-bnedmin.

It-tgħajjir
ta' folla mxajtna
ħassejtu jinfed lil qalbek.
L-isfidi
ta' nies,
li ħlief ġid ma rawx
minn Ġesù,
ħassejthom
ikattru
d-dwejjaq u l-imrar.

U bla kliem
bla tgergir,
bla ebda ħsieb ta' tpattija,
bqajt hemm.
U smajtu
jafdalek
lilna lkoll,
biex int tieħu ħsiebna
tindukrana,
u tħobbna
b'imħabba ta' omm.

Għalhekk,
lejk induru
O Verġni Marija,
O Omm tad-duluri;
ismagħha t-tnehida,
agħti widen għall-karba,
sabbarna Marija,
farrħilna 'l qalbna
agħtina s-saħħa,
biex nilqgħu s-salib,
u bħalek nagħtu prova
ta' mħabba
lejn Ibnek Ġesù.

# IT-TEATRU ASTRA jkompli fit-Tradizzjoni

Nhar il-Ġimgħa u s-sibt, 26 u 27 ta' Frar it-Teatru Astra ippreżenta ż-żewġ opri liriċi ta' Gaetano Donizetti: L'Elisir d'Amore u Lucia di Lammermoor.

Għad-dilettanti Maltin u Għawdxin tal-opra lirika, iż-żewġ rappreżentazzjonijiet kienu festa sħiħa ta' kant u mużika klassika li konna ilna s-snin ma naraw u nisimgħu bħalha fil-gżejjer Maltin. Kemm L'Elisir kif ukoll Lucia kienu żewġ produzzjonijiet li komplew ikkonfermaw il-prestiġju ta' dan it-teatru, li dejjem fittex li jtella' xogħolijiet ta' klassi bl-akbar ħeġġa, entużjażmu, serjeta u dedikazzjoni.

Jekk il-kantanti ewlenin taw is-sehem tagħhom bl-akbar fervur u majestrija, xejn anqas nistgħu ngħidu għall-Kor tat-Teatru Astra, li kien verament eċċellenti mill-bidu sal-aħħar. Il-kor, iffurmat minn element bażikament żgħażugħ, deher li kien imħarreġ tajjeb ħafna, u kien jimmeritah mhux ftit l-applawsi li qala'.

Fuq kollox, iżda, l-akbar prosti huwa ċertament riservat għas-Surmast Direttur taż-żewġ opri, Joseph Vella, li bl-akbar teknika u effiċjenza, idderieġa l-orkestra komposta minn uħud mill-aħjar mużiċisti Maltin, flimkien







Mertu kbir fil-livell għoli li ntlaħaq għandhom bla dubju l-artisti ewlenin li ħadu sehem, fosthom is-sopran internazzjonali Maltija Miriam Gauci, u l-kantanti liriċi Taljani Tiziana Ducati, Giorgio Lormi, Andrea Elena u Bernardino di Bagno, li lkoll iddistingwew ruħhom għall-vuċijiet ċari u perfetti tagħhom. L-għażla ta' dawn il-kantanti kienet tabilħaqq waħda ta' min ifaħħarha.

Fiż-żewġ opri kellna wkoll element lokali mtella' mill-kantanti Lino Attard, Joe Huber, Mary Galea, Marie Therese Vassallo, Brian Cefai u Jimmy Mifsud. Dawn ukoll ma naqsux li jagħmlu l-parti kollha tagħhom fis-suċċess taż-żewġ opri.

mal-arpista Milaniza Consuelo Julianelli. Anki jekk stess ix-xogħol li daħal għalih xejn ma kien wieħed faċli, Mro Vella xorta ħadem kemm felah bl-akbar impenn, u spiċċa biex ħareġ bl-unuri kollha.

Għadd ta' personalitajiet distinti attendew għaż-żewġ rappreżentazzjonijiet, fosthom ministri tal-kabinet u membri tal-Korp Diplomatiku. L-Onor. Prim Ministru, Dr Eddie Fenech Adami, attenda għall-opra tas-Sibt.

L'Elisir D'Amore u Lucia di Lammermoor ġew imtella' bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li qegħdin isiru din is-sena biex ifakkru l-20 anniversarju mill-ftuħ tat-Teatru Astra.